MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 4/2013

**Dedicated Micros (Malta) Ltd**

**Vs**

**Town House Limited**

Il-Qorti,

Rat li permezz ta’ dan l-avviz is-socjeta’ attrici prevja dikjarazzjoni li l-kumpanija konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont kumplessiv ta’ hamest elef mitejn u sittin euro (€5,260) rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar ghall-bejgh u stallazzjoni ta’ sistema ta’ ‘security cameras’ da parti taghha lill-kumpanija konvenuta fuq rikjesta u inkarigu tas-socjeta’ konvenuta stess talbet li din il-Qorti tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallasha l-imsemmi ammont ta’ hamest elef mitejn u sittin euro (€5,260). Dan bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta u bl-imghaxijiet

legali mid-data tal-fattura relattiva sal-jum tal-pagament effettiv.

Rat li l-kumpanija giet notifikata izda ma pprezentat l-ebda risposta u l-ebda rapprezentant taghha ma deher ghas-seduta.

Semghet ix-xhieda ta’ Dr William Cuschieri.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti u mix-xhieda ta’ Dr Cuschieri li pprezenta wkoll diversi dokumenti jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta xtrat sistema ta’ ‘security cameras’ minghand is-socjeta’ attrici li hadet ukoll hsieb l-installazzjoni taghhom. Jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kienet hallset ammont liema ammont tnaqqas u mhux qieghed jintalab f’dawn il-proceduri.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta li dak premess mis-socjeta’ attrici gie ampjament ippruvat.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l- ammont ta’ hamest elef mitejn u sittin euro (€5,260) u dan bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------